# Is-Siġġiewi elevat għal Belt fl-1797

**Kitba ta' Dr. George Cassar Ph.D.**

Is-Siġġiewi fis-seklu tmintax kien raħal li kellu madwar 2,000 ruħ, għadd mhux żgħir meta tikkonsidra kemm kien hawn irħula b'popolazzjoni inqas minnu. In-numru ta' residenti f'dan ir-raħal baqa' tiela bil-mod matul il-ħakma tal-Ordni f'Malta. Fil-fatt meta l-Kavallieri ta' San Ġwann waslu fil-gżejjer tagħna fl-1530, is-Siġġiewi kien jgħodd madwar l-1,500 ruħ li kienu jgħixu fi 300 dar. Sa nofs is-seklu sbatax il-popolazzjoni kienet baqgħet kwazi l-istess, iżda din rat ċaqlieqa 'l fuq f'dan iż-żmien u sas-sena 1667 kienet laħqet iċ-ċifra ta' 1,774. Id-djar fis-Siġġiewi f'dan iż-żmien kienu jgħoddu 353. Għadda ż-żmien u n-nies kompliet toktor sakemm fl-1772 laħqet in-numru ta' 1,788 ruħ. Dan kien qed juri biċ-ċar li l-lokalità kienet fit-triq tal-iżvilupp u żgur li ma kienx se jkun wieħed minn dawk l-irħula li kien se jispiċċa u josfor fid-duħħan tal-istorja bħal ma ġralhom għexieren ta' rħula oħra li baqa' biss l-isem tagħhom biex ifakkarhom. Eżempju wieħed minn dawn kien Ħal Tabuni , raħal ċkejken fil-viċinanzi tas-Siġġiewi, li għeb minn fuq il-mappa ta' Malta fil-perjodu bejn l-1419 u l-1530.

Għalhekk, ir-raħal tas-Siġġiewi, li fuq mapep antiki kien jinkiteb b'modi different bħal Casal Siggeo, jew Sigeo, jew Sige, kompla jiżviluppa bil-mod imma bla waqfien matul l-istorja u speċjalment fl-epoka tal-ħakma tal-Ordni ta' San Ġwann fuq Malta. Is-Siġġiwin kienu kburin b'raħal twelidhom u kienu jaraw fih l-għaxqa ta' qalbhom. Tant hu hekk li ħasbu kif jistgħu jgħollu l-qagħda tiegħu fost l-irħula l-oħra ta' Malta biex jispikka b'mod speċjali. L-okkażjoni biex jippruvaw jagħmlu dan ġiethom fl-1797 meta f'Malta laħaq gran mastru ġdid. Dan il-mexxej ġdid kien Ferdinand von Hompesch, l-ewwel Granmastru Ġermaniż tal-Ordni ta' Malta.

Hompesch ġie elett Gran mastru wara l-mewt tal-Gran Mastru De Rohan. Kien twieled fil-Kastell ta' Bollheim viċin Dusseldorf fid-9 ta' Novemebru 1744 u ta' sittax-il sena ngħaqad mal-Ordni bħala paġġ tal-Gran Mastru Pinto cum dispensione minoris aetatis. Ħa promozzjonijiet spissi: sar Kunsillier tal-Lingwa tal-Ġermanja fl-1767ġ Kastellan fl-1768; Logutenent tal-Gran Balliju responsabbli mis-superviżjoni tal-fortifikazzjoijiet fl-1770ġ Kummissarju għall-Armamenti fl-1774 u nkarigat biex jikteb l-istruzzjonijiet għall-vjaġġi tal-Qawwa Navali tal-Ordniġ appuntat wieħed mill-eżekuturi testwarji tal-Gran Prijur tal-Ġermanja, Kummissarju għall-Fortifikazzjonijiet, u Chargé d'Affaires għall-Qorti

*ikompli f'paġna 37*



tal-Imperatur Franz II tal-Awstrija fl-1775ġ Kommendatur ta' Rothenburg u Reichardsroth fl-1777ġ Prud Homme għall-Knisja Konventwali ta' San Ġwann u Kommendatur ta' Herford u Lage fl-1783ġ Kommendatur ta' Bassel u Dorlisheim fl-1885ġ Kommendatur ta' Sulz, Colmar u Mülhausen fl-1786ġ Balì ta' Brandenburg fl-1787, Kommendatur ta' Villingen, Gran Balliju u Kap tal-Lingwa tal-Ġermanja, u membru tal-Kongregazzjoni tal-Gwerra fl-1796; u Gran Mastru tal-Ordni ta' San Ġwann fl-1797.

Wara li Hompesch għex għal 25 sena fil-belt ta' Vjenna bħala Chargé d'Affaires tal-Ordni għall-Qorti Rjali tal-Awstrija, irritorna Malta u malajr tħabbeb ma' dawk li kien jiltaqa' magħhom, inkluż il-Maltin. Dan il-kavallier Ġermaniż għamel ukoll ħiltu biex ikun jista' jikkomunika mal-Maltin billi tgħallem ilsienhom u kien jitkellem magħhom fit-toroq. Fi kliem ieħor, kien jitħabbeb ma' kulħadd.

Meta l-Gran Mastru Emmauel de Rohan miet fl-1779 kien żmien diffiċli ħafna għall-Ordni għax kienet għaddejja r-Rivoluzzjoni Franċiża li faqqgħet fl-1789. Ir-rivoluzzjonarji kienu ħarġu qatta' bla ħabel kontra n-nobiltà u l-Kavallieri ta' San Ġwann kienu lkoll nobbli. Waqt ir-Rivoluzzjoni, il-mexxejja Franċiżi kienu bdew jaħtfu kull proprjetà li kellhom in-nies ta' klassi għolja u bir-rittmu li din kienet qed tittieħed l-Ordni kienet se tispiċċa tiftaqar għax kellha bosta artijiet fit-territorju Franċiż. Kien importanti li l-Ordni ma tantagonizzax lill-Franċiżi speċjalment f'dan iż-żmien delikat. Għalhekk wara li miet il-Gran Mastru de Rohan, li kien Franċiż, riedu jsibu persuna li tkun kemm jista' jkun newtrali u hekk ma tkomplix tħarrax lir-rivoluzzjonarji Franċiżi kontra l-Ordni.

Ferdinand von Hompesch deher bħala l-bniedem adattat f'dawn iċ-ċirkostanzi. Kien Ġermaniż, kien diplomatiku mħarreġ tajjeb, kien ħabib ma' kulħadd. F'kelma waħda l-kavallieri sħabu ħassew li kien bniedem li seta' jissalvagwardja l-interessi tal-Ordni fl-Ewropa mingħajr ma' jiksirha mal-Franċiżi.

F'Malta l-Gran Mastru Hompesch ipprova jagħmel ħiltu biex jiġbed lejh is-sudditi tiegħu. Tant hu hekk li mill-ewwel beda jilqa' x-xewqat

*ikompli f'paġna 39*

tagħhom u jeżawrihom. Fost ix-xewqat li xi rħula kien ikollhom hu li jgħollu l-lokalità tagħhom għal status ta' belt. Hekk naraw li fl-14 ta' Settembru kien preżenti għall-festa f'Ħaż-Żabbar u wara li ntalab miż-Żabbarin biex jonorahom bit-titlu ta' belt, il-Gran Mastru għamlilhom raħalhom, Città Hompesch. Fit-30 ta' Diċembru għamel l-istess liż-Żejtun wara li għamlulu l-istess talba, u hekk dan ir-raħal sar Città Beland (wara kunjom ommu fi xbubitha).

Imma Hompesch fiż-żmien qasir li dam Gran Mastru qata' xewqet ukoll raħal ieħor fuq l-istess talba. Is-Siġġiwin stiednu lill-Gran Mastru tagħhom għall-festa ta' San Nikola li kienet tiġi ċċelebrata fis-6 ta' Diċembru. Kien fl-1797 ftit wara li sar sultan (għax hekk kienu jsejħulu l-Maltin lill-gran mastru) li n-nies tas-Siġġiewi stednuh għall-festa tagħhom. Kif saru jafu li hu kien laqa' l-istedina u kien ser iżur raħalhom huma bnew malajr ark trijonfali fid-daħla tal-misraħ kif kienet d-drawwa f'dawn l-okkażjonijiet. U waslet il-ġurnata mistennija u deher il-Gran Mastru Ferdinand von Hompesch akkumpanjat mid-dinjitarji u kavallieri tal-Ordni. Għadda minn taħt l-ark imwaqqaf apposta u minn bejn stakkament ta' suldati tax-xwieni li kienu skjerati fuq kull naħa tat-triq fir-rotta bejn l-ark u l-knisja parrokkjali. Matul it-triq kien hemm banda li daqqet mużika biex tagħmel dan l-avveniment aktar formali u toħloq sens ta' ċelebrazzjoni. Il-korteo daħal fil-knisja u għall-quddiesa l-Gran Mastru qagħad taħt tron li ġie mħejji apposta. Meta spiċċat il-funzjoni reliġjuża, il-kappillan tas-Siġġiewi, Dun Salv Corso, offra lis-Sultan bukkett fjuri sabiħ li kien sewa ħamsin skud. Ta ukoll lil Hompesch sunett u ħobż imbierek. Il-balliju li kien qiegħed jakkumpanja lill-gran mastru ingħata wkoll rigali simili mill-prokuratur tal-knisja u minn qassis ieħor. Kien f'dan il-ħin li l-poplu ressaq it-talba biex is-Siġġiewi jiġi elevat għall-grad ta' belt.

Kien fit-30 ta' Diċembru li l-Gran Mastru von Hompesch laqa' formalment din ix-xewqa u onora lis-Siġġiewi bit-titlu ta' Città Ferdinand.

Hekk is-Siġġiewi issa kien sar tal-istess grad taż-żewġ lokalitajiet ġirien tiegħu – jiġifieri Ħal Qormi li kien ingħata t-titlu ta' Città Pinto fl-1743 u Ħaż-Żebbuġ li kien sar Città Rohan fl-1777. Mela kien fl-1797 li s-Siġġiewi minn terra sar città u hekk għadu jżomm dan it-titlu sal-lum.

---

Guillaumier, A., Bliet u Rħula Maltin, iii (Malta, 1987), 773.
Wettinger, G., 'Lost Villages and Hamlets of Malta', f' A. T. Luttrell (ed.), Medieval Malta: Studies on Malta before the Knights (Londra, 1975), 185; Wettinger, G., Place-Names of the Maltese Islands ca. 1300-1800 (Malta, 2000), 289.
Ara Ganado, A., Miniature maps of Malta (Malta, 2009), passim.
Galea, M., 'Ferdinand von Hompesch: A biographical chronology', f' M. Eminyan (ed.), Hompesch and Malta: A new evaluation (Malta, [1999]), 21-2.
Mula, C., The Princes of Malta: The Grand Masters of the Order fo St John in Malta 1530-1798 (Malta, 2000), 235, 237.
Galea, 22.
Guillaumier, 772-3.